MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Numru 454/2002

**Illum 17 t'Ottubru 2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**vs**

**Ivan Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ivan Farrugia ta' 30 sena bin Joseph u Mary nee' Grima imwieled Pieta` nhar is-6 t'April 1972 u li joqghod 61, Maitland Street, Hamrun u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 201272 M.

Akkuzat:

Talli fil-Qawra, f'Settembru tas-sena 2001 u/jew fil-granet ta' qabel, matul il-gurnata, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu u cioe billi ha pussess ta' speedboat ta' ghamla VIP li hija stmata tiswa madwar Lm4,500 liema reat sehh ghad-dannu ta' Jason Mizzi minn Naxxar, u dan ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jirresgistra ammissjoni f'dan l-ewwel udjenza meta nqrat l-akkuza;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Li l-imputat hu akkuzat b'offiza ta' ragjon fattesi.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu ssibu hati tal-akkuza.

Rat l-Artikolu 85 tal-Kap 9.

Rat l-fedina penali u l-istqarrija tieghu.

Tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------